# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 12 ta' Diċembru 2024**

**Nru: 6**

**Rikors Nru. 195/2021**

## Claude Grima, Carmel sive Charles Grima, Angelo Grima, Carmelina Borg, Maryanne Vella, Agostina sive Ina Cini, Angela sive Gillian Gauci Borda, Simon Grima, Anjelica Ellul, Edward Grima Baldacchino, Gordon Grima Baldacchino, Vanessa Frazier, u permezz tal-ordni tal-Qorti tat-23 ta' April 2024, l-atti ġew trasfużi f'isem Joseph Brownrigg u dana wara l-mewt ta' Gemma Brownrigg, Alessandra Spiteri, u Victoria Grima

**v**

## Joseph Galea

**Fil-qosor**

1. Fil-11 ta' Jannar 2021, ir-rikorrenti sabu li xi ħadd kien, mingħajr il-permess tagħhom, sgassa l-katnazz li kien imwaħħal max-xatba tal-art privata tagħhom u poġġa ieħor minfloku. Huma jallegaw li dan twettaq mill-intimat, li jikri l-art adjaċenti mingħandhom u li kien diġà saqsihom għaċ-ċavetta ta' din ix-xatba. Huwa assodaw din il-fehma hekk kif sabu lill-intimat fuq il-post bil-vettura fl-14 ta' Jannar 2021 – li, fil- fehma tagħhom, seta' jfisser biss li huwa għamel użu mix-xatba tagħhom (peress li l-passaġġ tiegħu seta' jiġi aċċessat biss bir-riġel).

2. Filwaqt li l-intimat ma jiċħadx li huwa għamel użu mix-xatba tar-rikorrenti, huwa jgħid li dan għamlu biss għaliex sab iċ-ċwievet tal-katnazz il-ġdid ħdejn ix-xatba u ħaseb li dawn tħallew hemm għalih. Għalhekk, huwa jikkontesta l-allegazzjoni tar-rikorrenti li huwa sgassa u bidel il-katnazz, u li b'hekk fixkel l-pussess tagħhom.

3. F'din il-kawża, il-qorti sejra tiżen il-verżjonijiet differenti tal-partijiet biex tasal għal konklużjoni rigward it-talba tar-rikorrenti sabiex jinżammu fil-pussess.

**Rikors ġuramentat**

4. Fir-rikors ġuramentat tat-3 ta' Marzu 2021, ir-rikorrenti ppremettew dan li ġej:-[1]

> Dikjarazzjoni tal-Oġġett tal-Kawża
>
> i. Ir-rikorrenti huma proprjetarji tal-art kummerċjali u numru ta' garaxxijiet li jinstabu f'Triq Sajtar ta' Garr, Birżebbugia li tinfed għal Triq il-Fortizza ta' Karaġ, Birżebbugia. Liema proprjetà privata kienet u għadha tinstab magħluqa u privatizzata permezz ta' xatba kbira tal-ħadid li tingħalaq b'katnazz;
>
> ii. L-intimat Galea ilu għal dawn l-aħħar snin, jikri mingħand ir-rikorrenti għalqa oħra li tinstab eżatt wara l-proprjetà privata suriferita. L-istess intimat ma ngħata l-ebda dritt jiftaħ u jaċċedi minn din ir-raba' biex jidħol fil-proprjetà mikrija lilu, iżda il-proprjetà mikrija lilu jidħol għaliha minn post ieħor.
>
> iii. Nhar-il ħdax (11) ta' Jannar 2021 ir-rikorrenti Claude Grima mar fuq il-post u sab illi xi ħadd kien, mingħajr permess tar-rikorrenti, sgassa l-katnazz li bih kienet tingħalaq ix-xatba, u poġġa ieħor floku u ħalla ċ-ċavetta għall-katnazz il-ġdid fuq il-post. Dwar dan, l-attur Claude Grima mar immedjatament jagħmel rapport mal-Pulizija Eżekuttiva, hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. B';
>
> iv. Tlett ijiem wara, u ċioè fl-erbatax (14) ta' Jannar 2021, ir-rikorrent reġa' mar fuq il-post surriferit u sab lill-intimat Joseph Galea bil-vettura tiegħu lil'hinn mix-xatba. Evidentement, mingħajr il-permess tal-esponenti, l-intimat kien klandestinament u vjolentement fetaħ ix-xatba, għadda minn l-entratura u daħal fuq l-art tal-esponenti mingħajr permess jew kunsens tagħhom.
>
> v. Għalhekk, l-atturi ġew mneżżgħin mill-pussess sħiħ u effettiv tal-proprjetà privata tagħhom, liema art kummerċjali tinsab fl-indirizz Triq Sajtar ta' Garr, Birżebbugia li tinfed għal Triq il-Fortizza ta' Karaġ, Birżebbugia kontra r-rieda tagħhom;
>
> vi. L-atturi jafu personalment b'dawn il-fatti kollha.
>
> Raġuni tat-Talba
>
> vii. Stante illi l-aġir illegali tal-konvenut Joseph Galea jikkostitwixxi f'molestja fid-drittijiet tar-rikorrenti fil-pussess tagħhom ai termini ta' l-Artikolu 534[2] tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u billi l-atturi qed jiġi mneżżgħin mill-pussess sħiħ u effettiv, tal-proprjetà privata tiegħu, huma kellhom jistitwixxu dawn il-proċeduri.

5. Għal dawn ir-raġunijiet, huma talbu lill-qorti sabiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa neċessarja u opportuna:-

---

[1] Ara r-rikors ġuramentat tar-rikorrenti Claude Grima et, datat it-3 ta' Marzu 2021, f'paġni 1-5.
[2] Ir-rikors ġuramentat kien oriġinarjament jirreferi għall-artikolu 594. Però dan ġie sussegwentement emendat bis-saħħa tad-digriet tal-Qorti tal-31 ta' Mejju 2021 (ara d-digriet tal-Qorti fejn ġie milqugħ ir-rikors ta' Claude Grima et tat-25 ta' Mejju 2021, f'paġna 12).

i. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-aġir tal-konvenut fejn qiegħed jimmolestja lill-atturi mill-pussess tagħhom tal-art kummerċjali u numru ta' garaxxijiet li jinstabu f'Triq Sajtar ta' Garr, Birżebbugia li tinfed għal Triq il-Fortizza ta' Karaġ, Birżebbugia, jikkostitwixxi ksur tal-liġi ai terminu tal-artikolu 534 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

ii. Tordna lill-intimat sabiex jerġa jqiegħed lill-atturi fil-pussess uniku u b'hekk jerġa' jibdel il-katnazz tax-xatba li permezz tagħha l-atturi jista' jerġa' jkollhom l-aċċess sħiħ, effettiv u liberu għall-imsemmija proprjetà privata fl-indirizz Triq Sajtar ta' Garr, Birżebbugia li tinfed għal Triq il-Fortizza ta' Karaġ, Birżebbugia, billi jagħmel dawk ix-xogħlijiet kollha meħtieġa u wkoll dawk illi din l-Onorabbli Qorti tista' tordnalu jagħmel, u dan fi żmien qasir u perentorju 'lli jiġi lilu prefiss;

iii. Tordna ulterjorjment illi fin-nuqqas illi l-konvenut jottempera ruħu ma' din l-ordni skont it-tieni (2) talba, l-atturi jiġi awtoriżżat jagħmlu kull xogħol neċessarju sabiex jiġi ripristinat lilu l-aċċess uniku u l-konsegwenti pussess għall-proprjetà privata li tikkonsisti f'art kummerċjali u garaxxijiet fl-indirizz ta' Triq Sajtar ta' Garr, Birżebbugia li tinfed għal Triq il-Fortizza ta' Karaġ, Birżebbugia, jekk meħtieġ bl-opera ta' perit nominandi għal dan l-iskop u dan fiż-żmien li jiġi prefiss minn din il-Qorti kollox a spejjeż tal-intimat.

## Risposta ġuramentata

6. Fir-risposta ġuramentata tal-25 ta' Ġunju 2021, l-intimat eċċepixxa:-[3]

i. Illi preliminarjament l-esponenti jeccepixxi illi din l-azzjoni hija intempestiva stante illi l-esponenti qatt ma gie interpellat fuq pretensjonijiet simili kif ukoll stante illi tali kawza hija bbazata fuq presunzjoni.

ii. Illi mingħajr pregudizzju u fil-mertu, l-esponenti filwaqt illi jikkonferma illi huwa jikri għalqa mingħand ir-rikorrenti qieghed jichad bil-qawwa kollha l-pretensjonijiet migjuba kontra tiegħu stante illi dawn huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi ippruvat aħjar fil-kors tal-kawza.

iii. Illi kifser jigi ippruvat mas-smiegħ tal-kawza l-esponenti qatt ma wettaq xi att illegali u/jew vjolenti u/jew klandestin u fl-ebda ħin ma fetaħ jew għamel xi att biex jiftaħ xatba.

iv. Illi l-esponenti ma wettaq l-ebda att li bih nezza lir-rikorrenti mill-pussess ta' hwejghom jew saħansitra xi molestja fil-konfront tagħhom.

v. Salv eccezzjonijiet oħra permissibbli bil-ligi.

## Fatti li taw lok għal din il-kawża

7. Ir-rikorrenti huma komproprjetarji tar-raba' magħrufa bħala 'Għalqa ta' Giarda' kontrada Ta' Dalam, li tinsab fil-limiti ta' Ħal Għaxaq.[4] Parti minn din l-għalqa tinkera mill-intimat Joseph Galea, wara li dan laħaq ftehim mal-Maġistrat Gawdenz Borg (illum mejjet) f'isem il-komproprjetarji tal-għalqa, biex jikri tmien (8) itmiem għall-erbgħin lira (Lm 40.00) fis-sena.[5]

8. Adjaċenti ma' din l-Għalqa Ta' Giarda hija l-art kummerċjali tar-rikorrenti fi Triq Sajtar ta' Garr, Birżebbuġa, li tinfed għal Triq il-Fortizza ta' Karaġ, Birżebbuġa. Fiha hemm numru ta'

---

[3] Ara r-risposta ġuramentata tal-intimat Joseph Galea datata l-25 ta' Ġunju 2021, f'paġni 13-14.
[4] Ara l-affidavit tar-rikorrent Claude Grima, f'paġna 21.
[5] Ara l-affidavit tal-intimat Joseph Galea, f'paġni 77-79.

garaxxijiet kif ukoll xi kmamar li jintużaw bħala imħażen. Wara li r-rikorrenti ottjenew il-permessi relattivi, huma għalqu l-aċċess għal din l-art b'ħajt u b'xatba kbira tal-ħadid li tingħalaq b'katnazz.[6]

9. Qabel ma twaħħlet ix-xatba, l-intimat kien ta' spiss juża l-passaġġ li ġie issa magħluq b'xatba sabiex jaċċessa l-art mikrija minnu b'vettura. Dan għaliex għalkemm huwa ngħata l-jedd li juża passaġġ separat li jinfed għall-Għalqa ta' Giarda, dan il-passaġġ huwa aċċessibbli biss bir-riġel.

10. Wara li twaħħlet ix-xatba, l-intimat mar ikellem lir-rikorrent Claude Grima u lil kuġinuh Adrian Gauci Borda, kif ukoll lit-tifla tar-rikorrent Carmel sive Charles Grima, Oriana Zlatef, li wara l-mewt tal-Maġistrat Gawdenz Borg, ġiet inkarigata biex tiġbor il-qbiela f'isem il-komproprjetarji.[7] Huwa xtaq li jingħata kopja taċ-ċavetta tax-xatba, sabiex ikun jista' jkompli jgħaddi mill-passaġġ bil-vettura. Dan għaliex kien għadu kif għamel operazzjoni f'ġenbejh u ma kienx kapaċi jitla' mill-passaġġ tiegħu bil-mixi. Apparti dan, meta x-xita tkun skarsa, l-ilma tal-bir u tal-ġiebja ma kienx ikun biżżejjed biex jisqi l-annimali u jsaqqi l-ħxejjex u s-siġar, u għalhekk kien ikollu bżonn iġib *bowser* tal-ilma – li naturalment ma setax jagħmlu mill-passaġġ tiegħu.

11. Claude Grima, Adrian Gauci Borda, u Oriana Zlatef, informawh li kienu ser jitkellmu mal-kumplament tal-familja qabel ma jtuh risposta. Flimkien ma' bintu, Chantelle Medina Gonzales, l-intimat mar ikellem ukoll lil mart il-Maġistrat Gawdenz Borg, ir-rikorrenti Carmelina Borg, li hija wkoll komproprjetarja tal-art kummerċjali. Hija informathom li kienet ser tipprova tkellem lil ħutha. Però meta l-intimat reġa' mar għandha biex jara kif baqgħet, hija skużat ruħha u informatu li ma setgħetx tgħinu iżjed.

12. Fil-11 ta' Jannar 2021, ir-rikorrent Claude Grima mar fl-art privata tar-rikorrenti u sab li xi ħadd kien – mingħajr il-permess tar-rikorrenti – sgassa l-katnazz li bih kienet tingħalaq ix-xatba u poġġa ieħor floku. Iċ-ċavetta tal-katnazz il-ġdid tħalliet fuq il-meter tad-dawl. Huwa mar l-Għassa tal-Pulizija biex jirrapporta dak li kien ġara.[8]

---

[6] Ara l-affidavit tar-rikorrent Claude Grima, f'paġna 21.
[7] Ara x-xhieda ta' Oriana Zlatef fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2022, f'paġni 26-32.
[8] Ara r-rikors ġuramentat tar-rikorrenti Claude Grima et, f'paġni 1-5; kopja tar-rapport tal-Pulizija f'paġni 7-9; l-affidavit tar-rikorrent Claude Grima, f'paġna 21.

13. Tliet ijiem wara, jiġifieri fl-14 ta' Jannar 2021, Claude Grima reġa' mar fuq il-post. Dakinhar huwa sab ix-xatba magħluqa u lill-intimat Joseph Galea bil-vettura tiegħu. Huwa jgħid li biex Joseph Galea seta' jidħol hemm bil-vettura bilfors kellu juża ix-xatba, għaliex kif diġà ngħad, bl-aċċess li għandu l-intimat seta' jidħol biss bil-mixi.[9]

14. Fid-dawl ta' dan, ir-rikorrenti assumew li kien l-intimat li kisser il-katnazz antik u waħħal ieħor floku. B'hekk huma fetħu din il-kawża sabiex il-qorti tiddikjara li l-aġir tal-intimat jikkostitwixxi molestja ai termini tal-artikolu 534 tal-Kap. 16, u sabiex tordna lill-intimat jerġa' jqiegħed lill-atturi fil-pussess sħiħ, effettiv u liberu tal-aċċess tagħhom billi jibdel il-katnazz tax-xatba u/jew jagħmel dawk ix-xogħolijiet li teħtieġlu jagħmel il-qorti. Fin-nuqqas, huma jitolbu l-awtorizzazzjoni tal-qorti biex jippristinaw l-aċċess huma stess.

15. L-intimat ma jiċħadx li daħal fuq il-proprjetà tar-rikorrenti bejn il-11 u l-14 ta' Jannar 2021, iżda jiċħad li kien hu li biddel il-katnazz tar-rikorrenti.

**Avvenimenti li seħħew wara l-14 ta' Jannar 2021**

16. Minħabba li ġara, ir-rikorrenti ma xtaqux iġeddu l-kirja tal-intimat. Għalhekk, huma bagħtulu ittra biex jinformawh li kienu ser jitterminaw il-kirja.[10] Meta dan irrifjuta li jitlaq, huma fetħu kawża għall-iżgumbrament – liem kawża qiegħda preżentement quddiem din il-qorti (diversament preseduta).

17. Wara li ntbagħat l-avviż ta' terminazzjoni, inqala' xi disgwid bejn Adrian Gauci Borda (il-kuġin tar-rikorrent Claude Grima) u Jonathan Medina Gonzalez (ir-raġel tat-tifla tal-intimat), waqt li t-tnejn kienu fuq il-post. Dwar dan saru żewġ rapporti mal-Pulizija, wieħed mis-sinjur Gauci Borda, u wieħed mis-sinjur Medina Gonzalez.[11]

18. F'April 2021, ir-rikorrenti jgħidu li biddlu l-katnazz tax-xatba wara li ġew informati mill-Pulizija li kien hemm xi nies jisirqu l-kaxxi tal-madum mill-maħżen ta' Adrian Gauci Borda

[9] Ibid.
[10] Ara l-affidavit tar-rikorrent Claude Grima, f'paġna 21 u l-affidavit ta' Adrian Gauci Borda, f'paġna 22.
[11] Skont Adrian Gauci Borda, ir-raġel tat-tifla tal-intimat, Jonathan Medina Gonzalez, beda jgħajjat miegħu u jheddu meta huwa kien qiegħed fuq il-post u dan minħabba l-ittra li r-rikorrenti kienu bagħtu lill-intimat. Min-naħa l-oħra, Chantelle Medina Gonzalez, mart Jonathan Medina Gonzalez tgħid li kien Adrian Gauci Borda, li fetaħ ix-xatba tal-injam li tagħti għal fuq il-proprjetà mikrija mill-intimat, u pprova jipprovoka lil żewġha.

– u dana wara li l-Pulizija rċeviet din l-informazzjoni minn Jonathan Medina Gonzalez. Ftit ġranet wara, fit-12 ta' April 2021, xi ħadd qabbad il-maħżen tas-sinjur Gauci Borda – dwar dan hemm inkjesta maġisterjali pendenti.[12]

19. Ir-rikorrenti jgħidu li l-intimat baqa' jagħmel użu mill-passaġġ tagħhom, anke wara l-inċident ta' Jannar 2021. Bħala prova ta' dan, huma esebixxew kopja tal-filmat meħud mill-kameras tas-sigurtà li huma waħħlu ħdejn ix-xatba wara l-inċident ta' Jannar 2021, li jgħidu juri lill-intimat dieħel mix-xatba fit-28 ta' Ottubru 2022.[13] L-intimat ma jiċħadx li l-persuna li tidher fuq dan il-filmat hija hu; iżda jgħid li wara li sar ir-rapport mal-Pulizija, bintu u r-raġel ta' bintu ma baqgħux jużaw ix-xatba tar-rikorrenti.[14]

**Fatti kkontestati**

***Jekk il-familja Grima qattx irrifjutat li tagħti l-aċċess lill-intimat***

*Verżjoni tal-intimat*

20. Fl-affidavit tal-intimat Joseph Galea, dan jgħid li Claude Grima u Adrian Gauci Borda qatt ma tawh risposta rigward jekk kienux lesti li jagħtuh kopja taċ-ċavetta tax-xatba, u li meta kien isaqsihom, kienu jgħidulu biss li kienu ser jitkellmuha mal-kumplament tal-familja. Kien għal din ir-raġuni li f'Jannar 2021, meta l-intimat u bintu jgħidu li sabu li l-katnazz tax-xatba tar-rikorrenti ġie mibdul u li kien hemm tliet kopji taċ-ċwievet tal-katnazz fuq il-meter tad-dawl, huma assumew li kienu Claude Grima u Adrian Gauci Borda li ħallewhom iċ-ċwievet biex huma jkunu jistgħu jgħaddu mix-xatba.[15]

*Verżjoni tar-rikorrenti*

21. Min-naħa l-oħra, ir-rikorrenti jgħidu li għalkemm għall-ewwel l-intimat kienu qalulu li ser jitkellmuha mal-kumplament tal-familja, kienu eventwalment informawh li ma kienux qed jaċċettaw li jagħtuh aċċess għall-passaġġ tagħhom. Dan jiġi kkonfermat direttament minn Oriana Zlatef fix-xhieda tagħha tat-23 ta' Settembru 2022, li qalet:

---

[12] Ara l-affidavit ta' Adrian Gauci Borda, f'paġna 22.
[13] Il-filmat tal-kameras tas-sigurtà qiegħed f'paġna 47.
[14] Ara l-affidavit tal-intimat, Joseph Galea, f'paġni 77-79. Peress li r-rikors ġuramentat jikkonċerna l-inċidenti bejn il-11 u l-14 ta' Jannar 2021, il-qorti mhux ser tidħol f'wisq dettall dwar dan.
[15] Ara l-affidavit tal-intimat, Joseph Galea, f'paġni 77-79, u l-affidavit tat-tifla tiegħu, Chantelle Medina Gonzalez, f'paġni 80-82.

> Kont għidtlu l-familja ma taqbilx għax meta tagħmel gate inti u tagħti ċ-ċavetta qed tagħti privileġġ lil xi ħadd, hux veru.[16]

*Analiżi tal-Qorti*

22. F'dan ir-rispett, il-qorti hija aktar propensa temmen il-verżjoni tar-rikorrenti. Skont ix-xhieda tal-intimat, meta rega' mar ikellem lir-rikorrenti Carmelina Borg, qabel ma seħħ l-allegat att ta' molestja, din kienet informatu li kienet kellmet lil ħutha dwar il-biċċa tax-xatba iżda li ma setgħetx tgħinu iżjed biex jakkwista kopja taċ-ċavetta tax-xatba.[17] Fil-fehma tal-qorti, mit-tweġiba li tat is-sinjura Carmelina Borg, joħroġ ċar li l-komproprjetarji ma kienux qed jaċċettaw li jagħtuh aċċess mix-xatba. Infatti, fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, huwa l-intimat stess li jammetti li s-sinjura Carmelina Borg kienet informatu bid-deċiżjoni tar-rikorrenti:-

> Il-konvenut ma jbiddel xejn minn dak li huwa fattwali u veritiera u jammetti fix-xhieda tiegħu illi dan kien ingħalaq arbitrarjament. Iżda s-sinjura Borg kienet informatu illi xi membri tal-familja ma riedux u għaldaqstant baxxa rasu għar-rieda tal-familjari.[18]

23. Għal din ir-raġuni, il-qorti temmen li fil-11 ta' Jannar 2021, cioè meta seħħ l-ewwel allegat att ta' molestja, l-intimat kien diġà ġie informat bid-deċiżjoni tar-rikorrenti u cioè li dawn ma kienux qed jaqblu li jagħtuh aċċess mix-xatba.

***L-avvenimenti li seħħew bejn il-11 ta' Jannar 2021 u l-14 ta' Jannar 2021***

*Verżjoni tar-rikorrenti*

24. Ir-rikorrenti jgħidu li għalkemm ma rawx lill-intimat ibiddel il-katnazz, jemmnu li l-intimat jaħti għal dan l-inċident. Dan għaliex, fl-ewwel lok, kien l-unika wieħed li kellu l-interess li juża l-passaġġ. Apparti dan, ir-rikorrent Claude Grima rah fuq il-post bil-vettura fl-14 ta' Jannar 2021. Dan ifisser li l-intimat kellu neċessarjament juża x-xatba tar-rikorrenti, ġaladarba l-passaġġ li jgawdi hu huwa aċċessibbli biss bir-riġel.[19]

---

[16] Ara x-xhieda ta' Oriana Zlatef, fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2022, f'paġni 26-32.
[17] Ara l-affidavit tal-intimat, Joseph Galea, f'paġni 77-79, u l-affidavit tat-tifla tiegħu, Chantelle Medina Gonzalez, f'paġni 80-82.
[18] Ara n-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat, Joseph Galea, f'paġna 103.
[19] Ara r-rikors ġuramentat tar-rikorrenti Claude Grima et, f'paġni 1-5, u l-affidavit tar-rikorrent Claude Grima, f'paġna 21.

*Verżjoni tal-intimat*

25. Min-naħa l-oħra, l-intimat ma jiċħadx li huwa kien qiegħed juża x-xatba meta seħħ dan kollu. Kif diġà ngħad, huwa jgħid li ma kienx hu li kisser il-katnazz u li poġġa ieħor floku. Huwa jallega li meta, f'Jannar 2021, kien qiegħed fuq il-post ma' bintu biex jitimgħu t-tiġieġ, huwa sab il-katnazz l-antik maqtugħ u mormi fl-art, u sab katnazz ġdid minfloku. Jgħid li fuq il-meter tad-dawl, sab tliet kopji taċ-ċwievet tal-katnazz il-ġdid, u ħaseb li dawn ħallewhom hemm Claude Grima u Adrian Gauci Borda sabiex ikunu jistgħu jużawhom l-intimat, u d-detenturi taż-żewġ għelieqi l-oħra – li wkoll kellhom bżonn ta' dan l-aċċess biex itellgħu tractor, mutur tal-ħart, u *bowser* tal-ilma fl-għalqa tagħhom.[20]

26. Peress li ħaseb li ċ-ċwievet tħallew hemm għall-użu tiegħu (kif ukoll ta' oħrajn), huwa jgħid li użahom biex jiftaħ ix-xatba u biex jgħaddi minn hemm bil-karozza. Dan baqa' jagħmlu sakemm irċieva telefonata mill-Pulizija ftit ġranet wara, biex jinformawh bir-rapport li kienu għamlu Adrian Gauci Borda u Claude Grima fil-konfront tiegħu.[21] Minn dakinhar li rċieva din it-telefonata, huwa jgħid li bintu u r-raġel tagħha, ma baqgħux jgħaddu mix-xatba. Dan għaliex ma ħassewhomx komdi bil-fatt li r-rikorrenti kienu waħħlu xi kameras tas-sigurtà viċin tax-xatba:

> Minn dik il-ġurnata binti u żewġha bdew jidħlu mill-passaġġ li tħalla fejn il-grada u joħorġu mill-art billi jinżlu mill-passaġġ li minnu konna bdejna ntellgħu l-ilma fuq in-naħa opposta tal-art, minħabba li kienu jħossuhom kontinwament osservati bil-cameras.[22]

*Analiżi tal-Qorti*

27. Kif diġà ngħad, il-qorti tqis li meta seħħ l-allegat att ta' molestja, l-intimat kien diġà ġie informat li r-rikorrenti kienu qed jirrifjutaw li jagħtuh l-aċċess għall-passaġġ tagħhom. Għal din ir-raġuni, il-qorti ma tistax tagħti wisq kredibbilità lit-teżi tal-intimat u ta' bintu, li jgħidu li daħlu fil-proprjetà għaliex ħasbu li ċ-ċwievet tal-katnazz tħallew hemm mir-rikorrenti biex jużawhom huma. Lanqas li kieku, għall-grazzja tal-argument, ir-rikorrenti veru kienu għadhom ma tawx risposta lill-intimat, dan dejjem seta' jikkonferma mar-rikorrenti li ċ-ċwievet tħallew hemm biex jużahom hu qabel ma qabad u daħal fi proprjetà li m'hijiex tiegħu,

[20] Ara l-affidavit tal-intimat, Joseph Galea, f'paġni 77-79, u l-affidavit tat-tifla tiegħu, Chantelle Medina Gonzalez, f'paġni 80-82.
[21] Ara l-affidavit tal-intimat, Joseph Galea, f'paġni 77-79.
[22] Ara l-affidavit tal-intimat, Joseph Galea, f'paġna 79.

speċjalment meta seta' ta l-każ li dawn tħallew hemm bi żvista ta' wieħed mill-komproprjetarji jew għal xi skop ieħor.

28. Għalkemm m'hemmx prova diretta li kien l-intimat li kisser il-katnazz tax-xatba,[23] it-tali prova m'hijiex neċessarjament meħtieġa. Sabiex il-qorti tasal għal deċiżjoni favur jew kontra l-intimat, hija sempliċiment meħtieġa li tiddetermina, fid-dawl tal-kredibbiltà, konsistenza u verosimiljanza tal-verżjonijiet differenti, liem verżjoni tirriżulta li hi l-aktar attendibbli.[24]

29. F'dan il-każ hemm diversi indizji u fatti li jimmiltaw favur it-teżi proposta mir-rikorrenti. Fl-ewwel lok huwa ċar li l-intimat kellu interess li jgħaddi mill-aċċess tar-rikorrenti. Tant hu hekk li lir-rikorrenti saqsihom diversi drabi biex jagħtuh ċavetta tax-xatba, u meta ra li magħhom ma kienx ser jasal, huwa saħansitra rrefera għall-għajnuna tas-sinjura Carmelina Borg. Kif xehdu hu u bintu l-aċċess b'vettura kien importanti għalih biex ikun jista' jġib *bowser* tal-ilma meta l-ilma tal-bir u tal-ġiebja ma kienx ikun biżżejjed biex isaqqu l-ħxejjex u jisqu l-annimali. Apparti dan, fiż-żmien li seħħ l-allegat att ta' molestja, l-intimat kien għadu kif għamel l-operazzjoni f'ġenbejh (*hip replacement*) u ma kienx possibbli għalih biex jgħaddi mill-passaġġ tiegħu bir-riġel.[25]

30. Għalkemm dan ma jiġix ikkontestat mill-intimat, huwa jgħid li huwa ma kienx l-unika individwu b'interess fil-passaġġ għaliex id-detenturi tal-għelieqi fil-viċinanzi setgħu wkoll igawdu mill-aċċess tar-rikorrenti għal raġunijiet simili bħal tiegħu.[26] Tajjeb li jiġi nnotat li dan qatt ma ġie kkorroborat minnu – u, infatti, huwa qatt ma jsemmi mqar għal liema artijiet kien qiegħed jirreferi. Apparti dan, m'huwiex daqstant verosimili li l-allegat att ta' molestja kien ix-xogħol tat-tali individwi, anke jekk dak li qed jgħid l-intimat huwa minnu. Dan għaliex il-passaġġ jagħti għal fuq il-proprjetà tar-rikorrenti u għal dik mikrija mill-intimat. Anke jekk wieħed jassumi li kien hemm bidwi fil-viċinanzi li ma seta' jsib l-ebda aċċess ieħor bil-vettura għall-art tiegħu għajr għal dak tar-rikorrenti, biex seta' jagħmel użu minn dan il-passaġġ huwa kien ser ikollu jgħaddi kemm mill-proprjetà privata tar-rikorrenti kif

[23] Ara n-nota ta' Sottomissjonijiet tal-intimat, Joseph Galea, f'paġni 100-105, fejn jargumenta li m'hemmx prova diretta ta' dan.
[24] *Eucaristico Zammit vs Eustrachio Petrococchino*, Qorti tal-Appell, deċiża 25 ta' Frar 1952; *Paul Vassallo v Carmelo Pace*, Qorti tal-Appell, deċiża 5 ta' Marzu 1986; *Middle Sea Insurance p.l.c. noe vs Victor Sammut*, Qorti tal-Appell, deċiża 2 ta' Ġunju 2003; *Korporazzjoni għas-servizzi tal-ilma vs Caruana John Mary*, Qorti tal-Appell, deċiża 31 ta' Ottubru 2008.
[25] Ara l-affidavit tal-intimat Joseph Galea, f'paġni 77-79, u l-affidavit ta' bintu, Chantelle Medina Gonzalez, f'paġni 80-82.
[26] Ara n-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat Joseph Galea, f'paġni 100-105.

ukoll mill-art mikrija mill-intimat – minn tal-inqas darbtejn (biex ikun jista' jerġa' jsakkar ix-xatba) – mingħajr ma jiġbed l-attenzjoni tar-rikorrenti, tal-intimat, tat-tifla tal-intimat (li tgħid li kienet tkun fl-għalqa kuljum)[27] u tar-raġel tagħha (li saħansitra kien jgħix f'kamra agrikolturali fl-għalqa).[28]

31. Għalkemm ma jistax jingħad b'ċertezza li dan ma kienx il-każ, iċ-ċirkostanzi tal-każ juru li dan huwa anqas probabbli minn dak li qed isostnu r-rikorrenti (cioè li dan kien xogħol l-intimat), speċjalment meta wieħed iqis li l-allegat att ta' molestja seħħ f'temp qasir ta' żmien wara li r-rikorrenti nformaw lill-intimat li ma kienux ser jippermettulu jgħaddi mix-xatba.

32. L-intimat isemmi wkoll individwi li jikru numru ta' garaxxijiet fuq l-art privata tar-rikorrenti, u li jagħmlu użu wkoll minn dan il-passaġġ. Madanakollu r-rikorrenti jgħidu li f'Jannar 2021, ma kien għad hemm ħadd jikri l-garaxxijiet; u li fi kwalunkwe każ, l-inkwilini ingħataw kopja taċ-ċavetta tax-xatba, u għalhekk m'għandhom l-ebda bżonn li jisgassaw il-katnazz.[29] Dan ma jiġix ikkontestat mill-intimat, u għalhekk il-qorti ma tistax issib li l-allegat att ta' molestja seta' twettaq minn dawn l-individwi.

33. Il-qorti lanqas ma tista' tqis li dan kien ix-xogħol ta' xi individwu li ried jgħaddi mill-passaġġ tar-rikorrenti biex imur sal-wied. Dan għaliex l-att ta' molestja twettaq minn individwu li ġie ppreparat kemm b'apparat għal tal-apposta biex ikun jista' jkisser il-katnazz l-antik, kif ukoll b'katnazz ġdid biex jerġa' jsakkar ix-xatba. Huwa diffiċli biex wieħed jemmen li individwu li sempliċiment ried imur sal-wied kien ser ikun jaf eżattament x'kien ser ikollu bżonn biex jgħaddi minn dan il-passaġġ, u li kien ser jieħu dan il-brigu kollu minflok ma jsib passaġġ ieħor li jinfed. Fi kwalunkwe każ kien ikun ħafna aktar faċli għal dan l-individwu biex jgħaddi mill-passaġġ tal-intimat li jinsab magħluq b'xatba tal-injam, milli minn fuq dak tar-rikorrenti, li jinsab magħluq b'xatba tal-ħadid.[30]

34. Jeżistu aktar indizji li jimmilitaw favur ir-rikorrenti. L-ewwel nett, jidher li qabel ma twaħħlet ix-xatba mir-rikorrenti, l-intimat mhux talli kien jgħaddi minn dan il-passaġġ, iżda talli kien

[27] Ara l-affidavit tat-tifla tal-intimat, Chantelle Medina Gonzalez, f'paġni 80-82.
[28] Ara l-affidavit ta' Adrian Gauci Borda, f'paġna 22.
[29] Ara l-kontro-eżami tar-rikorrent Claude Grima fis-seduta tal-11 ta' Ġunju 2024, f'paġni 87-90.
[30] Ara r-ritratt tal-passaġġ tal-intimat Joseph Galea, f'paġna 46, u x-xatba tar-rikorrenti, li tidher fil-filmat tal-kameras tas-sigurtà f'paġna 47. Apparti dan il-fatt li min kien bidel il-katnazz u ħalla ċ-ċwievet tal-katnazz il-ġdid juri li t-tali persuna kellha interess li possibbilment terġa' tuża din ix-xatba fil-futur.

anke jibdel il-katnazz meta dan kien isibu miksur. Dan jingħad mill-intimat stess, li fl-ebda punt ma jindika li dan kien jagħmlu bil-kunsens tas-sid(ien) preċedenti.[31]

35. It-tieni nett, il-fatt li l-intimat kien qiegħed ħdejn ix-xatba tar-rikorrenti bil-vettura eżattament fil-ħin opportun, meta l-passaġġ tiegħu qiegħed fuq parti separata tal-art u jista' jiġi aċċessat biss bir-riġel, iqajjem daqsxejn ta' suspett. Il-fatt li l-intimat u bintu xehdu li ma baqgħux jagħmlu użu mill-aċċess tar-rikorrenti, mhux għaliex jafu li m'għandhom l-ebda dritt li jagħmlu dan, iżda għaliex ħassewhom "kontinwament osservati bil-cameras" li waħħlu r-rikorrenti, ma jgħinx l-anqas.[32]

36. Però għall-qorti l-iktar kriterju determinanti u li jsawwar il-konvinċiment tagħha favur il-verżjoni tar-rikorrenti, huwa l-fatt li l-intimat għażel li jagħmel użu miċ-ċavetta biex jidħol fuq proprjetà li jaf, jew li messu kien jaf, li ma kellu l-ebda dritt li jidħol fiha – u dana mingħajr ma qatt informa lir-rikorrenti (minkejja li jidher li kellu opportunità vasta biex jagħmel dan). Dan juri li anke jekk għall-grazzja tal-argument ma kienx hu li biddel il-katnazz, huwa xorta għażel li jipparteċipa volontarjament fl-att ta' molestja li seta' wettaq ħaddieħor.[33]

37. B'hekk, fid-dawl ta' dan kollu, il-qorti tqis li l-verżjoni tal-intimat – cioè li hu u bintu sabu ċ-ċwievet tal-katnazz il-ġdid fuq il-meter tad-dawl u għaddew mix-xatba għaliex ħasbu li dawn tħallew hemm għalihom mir-rikorrenti – inqas verosimili u kredibbli mill-verżjoni tar-rikorrenti – cioè li l-intimat biddel il-katnazz tax-xatba wara li r-rikorrenti rrifjutaw li jagħtuh kopja taċ-ċavetta sabiex dan ikun jista' jgħaddi minn hemm bil-vettura kif kellu bżonn jagħmel u kif għamel diversi drabi fil-passat.

**Konsiderazzjonijiet Legali**

38. Ir-rikorrenti qegħdin jipproponu l-azzjoni prevista fl-artikolu 534 tal-Kap. 16, magħrufa bħala l-azzjoni tal-manutenzjoni (*actio manutentionis*). Tlieta huma l-elementi li jsawru l-għamla ta' din l-azzjoni; (a) il-pussess tal-ħaġa immobbli jew ta' universalità ta' ħwejjeġ

[31] Ara l-affidavit tal-intimat, Joseph Galea, f'paġna 77.
[32] Ara l-affidavit tal-intimat, Joseph Galea, f'paġna 79.
[33] Ta' min isemmi wkoll li s-sempliċi fatt li daħal fi proprjetà li jaf, jew li suppost jaf li m'għandu l-ebda dritt li jidħol fiha, huwa fih innifsu att ta' molestja, anke jekk, għall-grazzja tal-argument ma kienx hu li biddel il-katnazz.

mobbli; (b) l-att ta' molestja; u (ċ) li l-azzjoni titressaq fi żmien sena minn dakinhar li sseħħ il-molestja.

***(a) Il-pussess***

39. Rigward il-pussess, dan jista' jkun "ta' liema xorta jkun", ħlief għall-pussess prekarju, jew pussess li jkun inkiseb b'vjolenza jew bil-moħbi.

40. F'dan il-każ ma jiġix ikkontestat mill-intimat li r-rikorrenti għandhom il-pussess tal-art kummerċjali kif ukoll tax-xatba in kwistjoni. Għalhekk l-ewwel rekwiżit qiegħed jiġi meqjus li ġie sodisfatt.

***(b) Il-molestja***

41. Il-ġurisprudenza fissret il-molestja bħala att kompjut kontra l-volontà tal-pussessur bl-għan li jostakola l-pussess jew ibiddel jew jillimita l-mod kif dan kien jiġi eżerċitat qabel, anke mingħajr mal-molestant jafferma għalih stess il-pussess kuntrarju.[34]

42. Tajjeb li jiġi nnotat li r-rikorrenti qiegħdin jallegaw li ġew "mneżżgħin mill-pussess sħiħ u effettiv tal-proprjetà privata tagħhom."[35] Però fl-azzjoni ta' manutenzjoni, jeħtieġ li l-attur ikun għadu fil-pussess u li jitlob li l-pussess jinżamm. Dan għall-kuntrarju tal-azzjoni ta' spoll (*actio spolii*), fejn jeħtieġ li l-attur ikun ġie mċaħħad mill-pussess, u li jitlob li l-qorti terġa' tqiegħdu fil-pussess li tteħidlu.

43. B'hekk f'każ li l-allegazzjoni tar-rikorrenti li dawn ġew imneżża' mill-pussess tinstab li hija ġġustifikata, dan ikun ifisser li l-azzjoni li kellha tiġi eżerċitata mir-rikorrenti kellha tkun l-*actio spolii*. Konversament, biex l-azzjoni proposta mir-rikorrenti tiġi milqugħa, il-qorti m'għandhiex issib li r-rikorrenti ġew imneżżgħa mill-pussess tal-aċċess iżda li l-intimat wettaq att li jostakola l-pussess tagħhom, ibiddel jew jillimita l-mod kif dan kien jiġi eżerċitat qabel.

44. Issa, fir-rikors ġuramentat tagħhom, ir-rikorrenti ilmentaw li:-

---

[34] *Teresa Vella vs Mary Boldarini et,* Qorti tal-Appell, deċiża 24 ta' Frar 1967; *Michele Calleja vs Emanuela Cassar et,* Qorti tal-Appell, deċiża 7 ta' Novembru 1994; *Cauchi vs Vella et,* Qorti tal-Appell, deċiża 20 ta' Marzu 1936, XXIX.ii.373.

[35] Ara r-rikors ġuramentat tar-rikorrenti Claude Grima et, f'paġni 1-5.

a. Fil-11 ta’ Jannar 2021, l-intimat sgassa l-katnazz li bih tingħalaq ix-xatba u poġġa ieħor minfloku u ħalla ċ-ċavetta għall-katnazz il-ġdid fuq il-post;

b. Fl-14 ta’ Jannar 2021, huwa kien klandestinament u vjolentament fetaħ ix-xatba, għadda mill-entratura u daħal fuq l-art tar-rikorrenti mingħajr il-permess u l-kunsens tagħhom.[36]

45. Fid-dawl tal-konklużjoni fattwali li laħqet il-qorti, fejn sabet il-verżjoni tar-rikorrenti iktar attendibbli minn dik tal-intimat, il-qorti qiegħda tqis li dawn l-atti verament twettqu mill-intimat. Però ta’ min jinnota li dawn l-atti ma pprivawx lir-rikorrenti mill-pussess; tant hu hekk li huma baqgħu jaċċessaw il-passaġġ, anke wara l-11 ta’ Jannar 2021. B’hekk il-qorti ma tistax issib li dawn ġew imneżżgħa mill-pussess – hekk kif allegaw fir-rikors ġuramentat tagħhom. Minflok qiegħda ssib li l-intimat, permezz ta’ dawn l-atti, immolestja l-pussess tal-passaġġ tagħhom.

46. B’hekk it-tieni rekwiżit ġie wkoll sodisfatt. Tajjeb li jingħad però, li r-rikorrenti diġà biddlu l-katnazz tax-xatba, u għalhekk it-talba tagħhom biex il-qorti tordna lill-intimat biex jippristina l-aċċess tagħhom billi jbiddel il-katnazz tax-xatba, ġiet sorvolata.

***(c) It-terminu ta’ sena***

47. L-*actio manutentionis* għandha tiġi eżerċitata fi żmien sena mill-molestja.

48. F’dan il-każ, l-ewwel att ta’ molestja seħħ fil-11 ta’ Jannar 2021, mentri r-rikors ġuramentat ġie ppreżentat fit-3 ta’ Marzu 2021. Dan ifisser li t-tielet rekwiżit ġie sodisfatt ukoll.

**Parti deċiżiva**

49. Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti qiegħda tiddeċiedi din il-kawża billi:-

a. Tiddikjara li l-aġir tal-konvenut jikkostitwixxi molestja tal-pussess tal-art tar-rikorrenti, cioè tal-art kummerċjali b’numru ta’ garaxxijiet, fi Triq Sajtar ta’ Garr, Birżebbuġia, li tinfed għal Triq il-Fortizza ta’ Karaġ, Birżebbuġia, u dana bi ksur tal-artikolu 534 tal-Kap. 16;

[36] Ara r-rikors ġuramentat tar-rikorrenti Claude Grima et, f’paġni 1-5.

b. Tordna lill-intimat biex jirrestitwixxi l-aċċess uniku u l-konsegwenti pussess għall-proprjetà privata tar-rikorrenti, cioè l-art kummerċjali b'numru ta' garaxxijiet, fi Triq Sajtar ta' Garr, Birżebbuġia, li tinfed għal Triq il-Fortizza ta' Karaġ, Birżebbuġia;

c. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet l-oħra.

L-ispejjeż iħallashom il-konvenut.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur